- FTEHIM DWAR BEJGH TA' VETTURA -
- RIFUZJONI TAD-DEPOZITU MHALLAS AKKONT TAL-PREZZ -
- BEJGH TAL-VETTURA QATT MA GIE FINALIZZAT BIL-KUNSINNA -
- SPEJJEZ ADDIZJONALI DWAR PJANCI TA' REGISTRAZZJONI -
- PACTA SUNT SERVANDA -
- BONA FIDI -

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' April, 2019**

Avviz tat-Talba numru: **92/2017**

**JOSEPH AZZOPARDI**
[K.I. NRU. 499052M]

***VERSUS***

**ALAN ELLUL**
[K.I. NRU. 241287M]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat fl-14 ta' Frar, 2017 fejn l-attur ippremetta u talab illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' elf ewro (€1,000.00c), liema ammont jirrapprezenta depozitu li l-istess konvenut rcieva mal-ftehim dwar il-bejgh tal-vettura tal-marka KIA PICANTO ta' kulur abjad, bin-numru ta' registrazzjoni HBC-083, liema ftehim falla minhabba awment fil-prezz li kien mifthiem. L-attur jikkontendi illi nonostante l-konvenut gie interpellat sabiex jirrifondi l-imsemmi ammont l-istess baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha titressaq l-prezenti kawza. L-attur talab ukoll l-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, l-imghaxx fuq is-sorte domandat u l-ispejjez konnessi ma' l-ittra ufficjali tal-1 ta' Dicembru, 2016.

Ra r-Risposta tal-konvenut tas-7 ta' Marzu, 2017 fejn irrezistew ghall-pretiza attrici billi eccipixxa li (1) it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu peress li l-eccipjenti m'ghandu jhallas xejn lir-rikorrenti; (2) f'kull kaz u minghajr pregudizzju, il-bejgh tal-vettura gie konkluz bi ftehim tat-3 ta' Gunju, 2016 u ma kien hemm ebda zieda fil-prezz mifthiem; (3) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ikkunsidra l-provi kollha mressqa u ra l-atti kollha processwali;

Sema' t-trattazzjoni bil-fomm tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-22 ta' Jannar, 2019,[1] f'liema udjenza l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-udjenza tal-lum;

It-Tribunal jikkunsidra;

In sintezi, il-prezenti istanza titratta talba ghar-rifuzjoni ta' depozitu imhallas akkont mill-attur lill-konvenut fuq vettura tat-tip 'KIA Picanto'.[2] Il-prezz kumplessiv ta' l-eventwali bejgh jidher li kien fl-ammont kumplessiv ta' circa €3,300.00c[3] u minnu l-attur kien hallas depozitu akkont ta' €1,000.00c. L-attur kien ghadda tali depozitu fi flus kontanti lill-konvenut. Hu kien hallas €200.00c fit-3 ta' Gunju, 2016 ezattament meta giet iffirmata skrittura bejniethom dwar il-bejgh[4] u sussegwentement, wara l-iffirmar ta' l-iskrittura, l-attur kien rega' mar ihallas €800.00c addizzjonali lill-konvenut.[5] Jidher ukoll li kien hemm ftehim ulterjuri bejniethom rifless fl-iskrittura bhala "p/c", ossia "part exchange" li l-imsemmi eventwali bejgh, *in parte*, jigi perfezzjonat tramite permuta ta' vettura ta' l-ghamla 'Fiat Punto' proprjetà ta' l-attur versu il-konvenut (liema vettura qatt ma ghaddiet lill-konvenut). Tali 'Fiat Punto' inghatat valur ta' €1,000.00c. Dan kien ihalli bilanc monetarju ta' €1,300.00c li kellhom jithallsu f'rati mensili[6] lill-konvenut u l-ghotja tal-'Fiat Punto' in permuta (*part exchange*) mill-attur lill-konvenut. Minhabba xi dizgwid li inqala' bejn il-partijiet dwar xi spejjez amministrattivi marbuta mal-bdil u/jew zamma tal-pjanci «JMG-654»[7] tal-vettura 'Fiat Punto' l-imsemmi bejgh tal-vettura tat-tip 'KIA Picanto' qatt ma avvera ruhu.

Bazikament, id-diverbju bejn il-kontendenti li wassalhom jiddipartixxu mill-ftehim ta' bejniethom u li kkulmina fl-odjerni proceduri jidher li kien dwar xi spiza addizzjonali ta' €70.00c marbuta mal-pjanci ta' registrazzjoni tal-vettura 'Fiat Punto'. Dan id-diverbju jinsab imfisser mill-attur b'dan il-mod: "*Sussegwentement, xi gurnata jew ftit aktar wara, kien inqala' lintopp dwar is-sebghin euro (€70) dwar ir-registration plates tal-vettura; talPunto. Jiena nghid illi kien hemm l-intendiment bejnietna illi rigward irregistration plates tal-vettura tieghi kien hemm il-ftehim illi l-vettura fuq il-karozza tieghi Fiat kont ser nittrasferihom fuq il-vettura li kont se nakkwista minghandu. Imbaghad il-problema inholqot mela meta jiena mort*

[1] It-trattazzjoni giet registrata b'mezzi elettronici u traskritta (ara *a foll.* 5458).
[2] Issir referenza ghall-verbal ta' l-udjenza ta' l-24 ta' April, 2017 li jghid hekk: "*Id-difensuri tal-partijiet issottomettew li din il-kawza hija rifuzjoni ta' depozitu imhallas akkont fuq vettura KIA Picanto li kienet qed tigi in parte permutata ma' karozza Fiat Punto propjeta' tal-Attur filwaqt li kien jifdal bilanc ta' EUR2300. Minn dak il-bilanc ta' EUR2300 l-Attur hallas EUR1000. Minhabba disgwid li qam bejn il-partijiet il-vettura Fiat Punto qatt ma ghaddiet lill-Konvenut u issa l-Attur qed jitlob ir-refuzjoni tal-ammont imhallas minnu. Id-difensur tal-Konvenut jghid li l-klijent tieghu sofra danni minhabba li l-ftehim dwar dan il-bejgh ma sehhx.*"
[3] Qed jinghad li "jidher li kien" ghaliex mill-provi ma harigx car u sew kemm kien il-valur tal-vettura 'KIA Picanto'. L-iskrittura turi valur komplessiv ta' €2,300.00c (*a fol.* 12); Cleaven Azzopardi jghid li kienet tiswa xi €3,200.00c (*a fol.* 21); l-attur ma jsemmi l-ebda valur komplessiv fl-affidavit tieghu (*a foll.* 2830) izda jsemmi l-valur ta' €3,200.00c meta kontro-ezaminat (*a fol.* 44); il-konvenut, fid-deposizzjoni tal-31 ta' Jannar, 2018 ma jispecifikax x'valur taw lil 'Fiat Punto' (*a fol.* 32) u ta stima ta' bejn €3,500.00c u €4,000.00c ghall-'Kia Picanto' (*a fol.* 35).
[4] Kopja ta' tali skrittura hi ezibita *a fol.* 12.
[5] Skond il-konvenut, tali €800.00c inghataw lill-konvenut l-ghada (*a fol.* 28) filwaqt li waqt il-kontro-ezami hu jghid li hallashom wara jumejn li kien hallas l-€200.00c (*a fol.* 44). Skond il-konvenut, kemm l-€200.00c u kif ukoll l-€800.00c thallsu dakinhar ta' l-iffirmar ta' l-iskrittura, izda f'mumenti differenti u separati (*a fol.* 32). Li huwa cert huwa li l-attur hallas €1,000.00c bhala depozitu akkont.
[6] Skond il-konvenut tali rati (*monthly instalments*) ma gewx mifthiema izda ghad kellhom jigu stabbiliti. F'dan is-sens ara deposizzjoni tal-konvenut *a fol.* 32.
[7] *vide* affidavit ta' Cleaven Azzopardi *a fol.* 21.

*ghandu bil-karti u bid-dokumenti tal-assigurazzjoni hu kien gharrafni illi kien hemm xi charge ta' sebghin euro (€70) sabiex issir din ir-registrazzjoni minn fuq ilFiat, karozza tieghi, ghal fuq il-Picanto, il-karozza li kont ser nakkwista minghandu. Nippreciza illi qatt qabel ma sar diskors bejnietna dwar xi fee jew inkella xi charge ta' sebghin euro. Tali sebghin euro tfaccaw ghallewwel darba kif ghadni kemm nghid meta mort ghand is-Sur Ellul bil-karti tal-Insurance. Ghalhekk galadarba ma kienx sar ftehim bejnietna fil-bidu jiena ma ridtx inhallas dawn is-sebghin euro. Jien ma ridtx inhallas one cent jew inkella one euro izjed mill-prezz miftiehem bejnietna*."[8]

Issa, permezz ta' din il-kawza, l-attur qed jitlob ir-rifuzjoni ta' l-ammont ta' €1,000.00c minnu imhallas bhala depozitu, bil-konvenut jirrespingi u jirrezisti tali pretiza bhala infondata.

It-tezijiet taz-zewg kontendenti, kif johrog mill-provi minnhom imressqa[9] u kif ukoll mis-sottomissjonijiet ta' l-gheluq maghmula mid-difensuri taghhom, huma, fi ftit kliem, dawn:

**(a)** skond l-attur il-ftehim kien jistipula ammont preciz u determinat. Bil-fatt li hu kellu jhallas €70.00c addizzjonali biex izomm il-pjanci ta' registrazzjoni li kellu fuq il-'Fiat Punto' tieghu halli dawn jigu trasferiti ghal fuq il-'KIA Picanto', kif stiednu jaghmel il-konvenut, kien ifisser li l-konvenut kien qed unilateralment izid il-prezz tal-kontrattazzjoni b'€70.00c, haga li l-attur ma riedx jaghmel. Ghalih, dan kien agir qarrieqi tal-konvenut li ma kienx gharrfu minn qabel li kien hemm tali spiza addizzjonali. Dan l-agir, hekk kif sottomess fit-trattazzjoni, ma kienx agir in bona fidi da parti tal-konvenut; u

**(b)** skond il-konvenut ma kien hemm l-ebda awment fil-prezz kif asserit mill-attur. Dan huwa sempliciment kaz fejn l-attur kellu ripensament ftit jiem wara d-data tal-ftehim u, ghalhekk, il-kuntrattazzjoni pattwita bejn il-partijiet ghandha tipprevali fuq id-deziderju unilaterali ta' l-attur li jinhall mill-kuntratt u jiehu d-depozitu lura.

Ghandu jigi puntwalizzat mal-ewwel, kif jidher mill-atti rakkolti, illi dan mhux kaz ta' awment fil-prezz kontrattat da parti tal-konvenut (kif sostnut fl-att promotur ta' dawn il-proceduri u fit-trattazzjoni ta' l-ahhar), izda wiehed fejn l-attur ma riedx jisborsa aktar flus, anke jekk dawn kienu flejjes sabiex hu jzomm pjanci ta' registrazzjoni li kellhom certu valur sentimentali ghalih.[10]

It-Tribunal ghandu jifhem illi kieku tali pjanci ma kellhomx tali valur sentimentali ghall-attur (u allura ma kinux sejrin jinzammu minnu biex jitpoggew fuq il-vettura li kien ser jakkwista), l-ammont amministrattiv addizzjonali ta' €70.00c ma kienx jinqala' jew ikun necessarju li jithallas u, allura, ma kienx jostakola dan il-bejgh. Allura, l-ammont ta' €70.00c ma kienx xi zieda fil-prezz dettata unilateralment mill-konvenut izda necessità bil-fatt li l-attur ried izommhom il-pjanci ghalih. Ghalhekk, il-hlas ta' l-imsemmija €70.00c ma kinux jidhlu fil-, jew jiffurmaw parti mill-korrispettiv li kien jifforma l-prezz tal-bejgh tal-vettura, izda kien hlas

---

[8] *vide* deposizzjoni moghtija fl-udjenza tat-12 ta' Marzu, 2018 (*a foll*. 4445). Ara ukoll ix-xhieda in kontro-ezami ta' Cleaven Azzopardi fl-udjenza tat-12 ta' Marzu, 2018 fejn sostna li, "*Jiena nispecifika li tali flus zejda kienu jirrigwardaw flus ghar-registration plates fl-ammont ta' madwar sebghin ewro (€70)*" (*a fol*. 47).
[9] *vide* affidavit ta' l-attur *a foll*. 2830 u deposizzjoni tal-konvenut *a foll*. 3236.
[10] *vide* affidavit ta' Cleaven Azzopardi *a fol*. 21 fejn sostna li tali pjanci kienu jfissru hafna ghall-attur.

accessorju li min kien ser jakkwista kellu jwettaq biex il-vettura l-gdida jkollha l-istess numru ta' registrazzjoni tal-karozza precedenti.

It-Tribunal jikkunsidra ulterjorment;

Bhala stat ta' fatt ghalkemm dan in-negozju ma avverax ruhu u qatt ma gie perfezzjonat skond l-intenzjonijiet originali tal-partijiet, ir-rizultat ahhari huwa li l-vettura tat-tip 'KIA Picanto' qatt ma ghaddiet ghand l-attur u baqghet ghand il-konvenut filwaqt li dan ta' l-ahhar rcieva d-depozitu fl-ammont ta' €1,000.00c izda mhux il-vettura 'Fiat Punto' *in permuta* u lanqas l-ammont monetarju bilancjali. Ghalhekk, hemm dan l-iskwilibriju fattwali li l-attur qed jikkontendi li jigi rettifikat tramite r-rifuzjoni lura ta' l-imsemmi ammont. Min-naha l-ohra, il-konvenut jikkontendi li kien hemm ftehim espress bejniethom u li r-recess mill-bejgh kien wiehed unilaterali u solament dovut ghall-ghemil ta' l-attur u mhux minhabba fih u, allura, id-depozitu ta' €1,000.00c ghandu jintilef favurih sabiex jaghmel tajjeb ghal xi danni li garrab minhabba l-inadempjenza ta' l-attur.

Apparti l-posizzjoni kuntrastanti fattwali bejn il-kontendenti, ghat-Tribunal, hawnhekk, hawn skontru frontali bejn zewg precetti bazilari tal-Ligi. Fuq naha hemm in-nozzjon ta' «pacta sunt servanda» li qed tigi espressament invokata mill-konvenut u fuq in-naha l-ohra hemm dik ta' «bona fidi» fil-kuntrattazzjonijiet li qed tigi implicitament promossa mill-attur. Ikun siewi li tali principji jigu debitament imfissra u li t-tifsira relattiva tintiseg mal-fatti rilevanti tal-vicenda.

Dwar l-ewwel imsemmi principju, minghajr mezzi termini, il-legislatur patriju fl-ewwel sub-inciz ta' l-Art. 992 tal-Kodici Civili jiddetta li, "*Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom*" u jkompli jzid, fit-tieni sub-inciz, illi, "*Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi.*" Tali disposizzjoni taghti setgha ta' vinkolu legali, guridikament rikonoxxut, lill-awtonomija privata tal-kontraenti,[11] ossia l-volontà taghhom li jaghzlu jintrabtu b'mod reciproku f'legam kuntrattwali, basta li r-rabta hekk imnissla issehh skond l-ordinament guridiku u in konformità mieghu [hawnhekk, u bhala ezempju, wiehed jaghmel rikjam ghall-Art. 982(2)[12], l-Art. 985[13], l-Art. 990[14], l-Art. 1054[15] tal-Kodici Civili li jippreskrivu limiti].

Tali awtonomija tista' facilment tinstilet minn dak li jiddetta l-Art. 960 tal-Kodici Civili, illi jiddefinixxi l-kuntratt bhala "*konvenzjoni jew ftehim bejn tnejn min-nies jew iżjed, illi bih tiġi*

---

[11] "*L'autonomia privata è fondamentalmente potere di autodeterminazione del soggetto, cioè potere del soggetto di decidere della propria sfera giuridica. In generale, tuttavia, la determinazione della propria sfera giuridica coinvolge anche la sfera giuridica di altri soggetti*" (*cfr.* **C. Massimo Bianca**, "Diritto Civile: Il Contratto", Vol. III, Giuffrè 1999; §4, p.11).

[12] L-Art. 982(2) Kod. Civ. jghid hekk: "*Il-ħwejjeġ biss li ma humiex extra commercium jistgħu jkunu oġġett ta' ftehim.*"

[13] L-Art. 985 Kod. Civ. jghid hekk: "*Il-ħwejjeġ impossibbli, jew ipprojbiti mil-liġi, jew kuntrarji għall-egħmil xieraq, jew għall-ordni pubbliku, ma jistgħux ikunu oġġett ta' kuntratt.*"

[14] L-Art. 990 Kod. Civ. jghid hekk: "*Il-kawża hija illeċita meta hija pprojbita mil-liġi jew kuntrarja għall-egħmil xieraq jew għall-ordni pubbliku.*"

[15] L-Art. 1054 Kod. Civ. jghid hekk: "*Kull kondizzjoni kuntrarja għall-egħmil xieraq, jew għall-ordni pubbliku, jew ipprojbita mil-liġi, jew illi ġġiegħel l-esekuzzjoni ta' haġa impossibbli, ma tiswiex, u tagħmel ma jiswiex il-ftehim li jkun jiddependi minnha.*"

*magħmula, regolata, jew maħlula obbligazzjoni.*" Meta l-istess awtonomija tal-partijiet kontraenti tigi abbinata ma' l-osservanza ta' dak li tinnecessita l-ligi bhala sustanza [bhal perezempju, l-Art. 966 tal-Kodici Civili], u anke bhala forma u formalità [bhal perezempju, il-Kapitolu 55 tal-Ligijiet ta' Malta jew l-Art. 1233(1) tal-Kodici Civili], hemmhekk tinholoq l-obbligazzjoni kuntrattwali. Tali obbligazzjoni tohloq vinkolu li jorbot lill-kontraenti f'legam li ghandu jigi rispettat u onorat. In effetti, jinsab insenjat li, "*L'obbligazione è un vincolo; l'espressione latina è più energica «vinculuum»; è un legame (une chaîne); quegli che è legato (en-chaîne) non può sfuggire al potere di colui che lo tiene ne'legami. Ebbene, la persona obbligata è legata, come lo è una persona stretta da legami*" (*cfr*. **FRANÇOIS LAURENT**, *op. cit.*, Vol.XV, §424, p.367).

Meta l-partijiet ghall-kuntratt jifthiemu, *inter alia*, dwar l' "an" (l-oggett), dwar il-"quando" (il-meta) u dwar il-"quomodo" (il-metodu jew il-kif) ta' l-att li ghandu jigi kompjut, f'dak il-preciz mument tinholoq qaghda awtonoma mill-volontà rispettiva taghhom li torbothom u tirregolahom. Konkjuza l-kontrattazzjoni l-istess imbaghad tiehu hajja propria indipendenti, regolata bil-principju ben not ta' "pacta sunt servanda". B'hekk jinghalaq cirku immaginarju fejn il-partijiet ghall-kuntratt li taw bidu ghalih u holquh, darba mahluq u perfezzjonat in-negozju guridiku, l-istess kuntratt jakkwista fonti t'obbligazzjoni vinkolanti *a se stante* u dan propju ghax, salv kazijiet eccezzjonali [*vide* Art. 992(2) tal-Kodici Civili], "*ciascuno sa che il contratto, una volta perfetto, vive di vita propria, non potendo più essere modificato singolarmente dagli artefici*" (*cfr*. **MASSIMO FRANZONI**, "Degli Effetti Del Contratto", Giuffrè 2[a] ed. 2013; Vol.I, p.5) u wkoll ghax "*è ben radicata l'idea che il contratto, una volta formatosi, cristallizza l'interesse delle parti, sicché queste sono tenute ad osservare la regola che ormai è sfuggita alla loro disponibilità*" (*ibid*. p.8).

In principju, l-ordinament Malti jiggarantixxi lill-privati dik il-libertà li jikkontrattaw dwar id-deziderji proprji b'dak il-mod u metodu l-aktar koerenti ma' l-interessi taghhom, bil-gosti taghhom u anke tenut kont tal-kapricci (leciti u ragjonevoli) taghhom. Dan hu anke dezunt meta l-Art. 960 u l-Art. 992(1) tal-Kodici Civili, fuq citati, jinqraw flimkien skond in-norma li tghallem illi "ex antecedentibus et consequentibus fit optima interpretatio".[16] Dak l-impenn kontrattwali li jitnissel minn impenn liberament assunt u liberament determinat, imbaghad, jittraduci ruhu f'impenn vinkolanti ghall-istess partijiet, proprjament ghax "*i privati sono liberi di contrarre, ma se contraggono si vincolano: perché questo vincolo trova fondamento nella*

[16] Kwalsiasi interpretazzjoni ta' disposizzjoni tal-ligi hija l-ahjar miksuba (*optima interpretatio*) meta mehuda u kkunsidrata fl-isfond tal-ligi shiha u tad-disposizzjonijiet li jippreceduha (*antecedentibus*) u dawk li jigu warajha (*consequentibus*). Kif rakkjuz fil-gurisprudenza nostrali, "*per interpretare la legge in una maniera giusta è necessario conferire insieme tutti gli articoli e non decidere dietro uno dei suoi precetti*" (**Negte. Emmanuele Scicluna pro et noe v. Negte. Giuseppe Calcedonio Borg noe et**, Appell Kummercjali, 21 ta' Gunju, 1871). Ghalhekk, il-kliem m'ghandux jittiehed singolarment u/jew *in vacuo*. Id-disposizzjoni m'ghandiex tinqara u tigi interpretata *in lontananza* mill-kuntest shih tal-legislazzjoni li tabbraccjaha stante li, "*Naturalment wiehed ma jistghax iwarrab minn quddiem ghajnejh il-kontest kollu tal-ligi in kwistjoni u ligijiet ohra li jistghu jkunu rilevanti: «tota lege perspecta»* " (**Grazio Pace v. Vivian De Gray noe**, Appell Superjuri, 25 ta' April, 1969; mhux pubblikata). Dan ir-ragunament irribadietu s-sentenza fl-ismijiet **L. & A. Camilleri Limited v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud** (Appell Superjuri, 5 ta' Ottubru, 2001; mhux pubblikata) fejn intqal illi, "*fil-waqt illi l-kelma tal-ligi kien jehtieg li tigi rispettata fl-applikazzjoni taghha, dan ma jfissirx illi s-sinnifikat letterali tal-kelma wahdu kien dak li kellu jwassal ghal interpretazzjoni gusta taghha. Anke l-kelma tal-ligi kellha tigi interpretata fl-isfond tas-sens kollu tad-disposizzjoni taht ezami u kif din tinkwadra fl-ispirtu tal-legislazzjoni shiha. Principji dawn li japplikaw fl-interpretazzjoni ta' kull disposizzjoni ta' dritt ...*". Ara wkoll **Mary Anne Borg et v. Kummissarju tat-Taxxi Interni** (Appell Inferjuri, 9 ta' April, 2010).

*loro libertà. Il termine stesso di «autonomia», del resto, esprime sia l'idea della libertà, sia l'idea del vincolo*" (*cfr*. **ENZO ROPPO**, "Il Contratto", 1989; parte IV, p.129). Tali rabta kontrattwali "*priva il debitore della sua libertà o la diminuisce; essendosi obbligato, egli non è più libero, egli ha abdicato la sua libertà, e può esser costretto dalla forza pubblica ad adempire ai suoi impegni*" (*cfr*. **FRANÇOIS LAURENT**, *op. cit.*, §424, p.367).

Ghaldaqstant, jista' jigi generalment konkluz illi l-kuntratt jiggenera bejn il-partijiet, awturi liberi tieghu, vinkolu guridiku u tali legam guridiku jipproduci effetti li jitraxxendu l-volontà tal-partijiet, liema effetti jridu jigu minnhom subiti u liema effetti, salv kazijiet eccezzjonali, ma jistghux jigu respinti. Dan ghax il-kuntratt jimplika akkordju, cioè l-volontà tal-partijiet li jaccettaw programm specifiku definit f'regolament kontrattwali minnhom imfassal u li ghalih jissottoskrivu.

Dan hu proprju dak li hu rifless fl-iskrittura datata 3 ta' Gunju, 2016 fejn bis-sottoskrizzjoni taghhom ghall-ftehim, il-partijiet ftehmu x'obbligi rispettivi ghandhom jirrispettaw. Tali sottoskrizzjoni m'ghandiex tfisser biss li l-attur Azzopardi merament kien qed jirrikonoxxi l-paternità tieghu vis-à-vis il-ftehim formalment redatt, izda wkoll li l-firma tieghu tissimbolizza, u intrinsikament tfisser ir-rabta tieghu *versu* l-obbligazzjoni jew l-obbligazzjonijiet li ghalih assoggetta l-kondotta tieghu minn dak il-mument lil hinn di fronti ghall-konvenut Ellul. L-istess sottoskrizzjoni kienet ukoll tobbliga lill-konvenut Ellul jadempixxi obbligu specifiku, ossia tal-konsenja ta' l-oggett, basta jkun hemm il-kontro-prestazzjoni ta' l-attur Azzopardi rigwardanti l-hlas (u l-modalitajiet rispettivi marbuta mieghu) u l-permuta.

Hawnhekk, u salv ghal dak li ser jinghad aktar 'l isfel, il-mizien ixaqleb lejn it-tezi tal-konvenut Ellul, ossia li l-akkordju raggjunt bejn il-partijiet ghandu jigi onorat. Dan ifisser li l-attur hu obbligat jirrispetta l-kontrattazzjoni billi jghaddi lill-konvenut il-vettura 'Fiat Punto' u €1,300.00c. Ifisser ukoll li l-konvenut huwa marbut li jghaddi lill-attur il-vettura 'KIA Picanto' li dwarha ftehmu.

Madanakollu, l-akkordju bejn il-partijiet ma jistax jitraxxendi u jissorvola l-komportament rett tal-partijiet ta' kif jhaddmu l-kontrattazzjoni fir-realtà. Il-pattwizzjonijiet skritti ma jistghux ma jigux kommizzurati mad-debita bona fidi ezercitata mill-kontraenti, li ghandhom jimxu b'manjiera mhux biss egoistika izda wkoll b'atitudni altruwistika, b'harsien ghall-interessi tal-kontraent l-iehor.

Dan it-Tribunal, kif presjedut, digà kellu l-opportunità li jitkellem fil-fond dwar il-kuncetti ta' korrettezza u ta' bona fidi f'kontrattazzjonijiet, hekk kif rifless fid-decizjoni tat-2 ta' Lulju, 2018 *in re* **Charles Seisun v. Joseph Vancell et** (mhux appellata), liema taghlim (sia dottrinali u sia gurisprudenzjali) issir referenza ghalih bla ma jigi ripetut hawnhekk.

Ma' dak misjub fl-appena citata decizjoni, jizdied jinghad dak li affermat il-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana (sentenza n. 2284 tal-15 ta' Marzu, 1999), u cioè li, "*diritti e obblighi, seppure specificatamente regolati da norme che li prevedono, non possono mai prescindere dall'osservanza dei principi di correttezza e di buona fede, operanti all'interno delle posizioni soggettive, non potendo l'autore di un comportamento scorretto trarre da esso utilità con altrui danno* […] *Ne consegue che il dovere di correttezza è operante in ogni forma di*

*responsabilità, e, quindi, segnatamente anche in tema di responsabilità contrattuale* […] *In tema di esecuzione del contratto, la buona fede si atteggia come un impegno od obbligo di solidarietà, che impone a ciascuna parte di tenere quei comportamenti che, a prescindere da specifichi obblighi contrattuali e dal dovere extracontrattuale del neminem laedere, senza rappresentare un apprezzabile sacrificio a suo carico, siano idonei a preservare gli interessi dell'altra parte*."[17] Fi kliem iehor, in-normi ta' korrettezza u ta' bona fidi jippervadi kwalsiasi rapport interkorrenti bejn tnejn jew aktar min-nies li huma vicendevolment vinkolati b'xi mod u manjiera. Tali principji huma ntizi bhala rekwiziti etici bazilari fil-kondotta tal-partijiet f'kull rapport obbligatorju, ossia bhala kriterji ta' reciprocità, finalizzati, in sostanza, biex izommu r-rapport guridiku ezistenti bejn il-partijiet f'binarju wiehed, gust, ekwilibrat u proporzjonali. B'dan rilevat, tali principji jsejhu lill-kreditur biex jiehu qies ta' l-interessi tad-debitur u, fl-istess waqt, jirrikjamaw l-attenzjoni tad-debitur ghall-interessi tal-kreditur.

Applikat ghall-kaz in specie, entrambi Azzopardi u Ellul, attur u konvenut rispettivament, iridu jiehdu kunsidrazzjoni ta' l-interessi tal-parti l-ohra u mhux solament dawk individwali jew proprji.

Ghalkemm huwa minnu li bejn il-partijiet hemm ftehim bil-miktub, il-grajja fattwali turi li z-zewg kontraenti ma jixtiequx jibqghu vinkolati bit-termini u kundizzjonijiet originarjament espressi. Ir-rapport negozjali u kuntrattwali bejniethom gie inkrinat u jimmanifesta krepa li ma tidhirx li wiehed minnhom jixtieq jissana. L-attur u l-konvenut ma jidhrux aktar propensi jew disposti jiffinalizzaw il-kontrattazzjoni relattiva ghall-bejgh tal-vettura 'KIA Picanto' skond il-modalitajiet mifthiema. Dwar dan l-aspett jidher li entrambi l-partijiet jaqblu. Dak li ma jaqblux dwaru, u li ma jikkondividux, huwa kif ix-xissjoni, ossia firda jew divizjoni, ta' bejniethom ghandha ssehh u dan 'l ghaliex l-attur jixtieq iregga l-arlogg lura u jiehu d-depozitu intier ta' €1,000.00c filwaqt li l-konvenut ma jridx dan ghax jippretendi li l-lezjoni tal-ftehim kienet gejja mill-attur, b'mod unilaterali u anke 'lghaliex dan l-episodju ssarraflu f'xi danni.[18]

Kunsidrat kollox u l-partikolarità tal-fatti ta' din il-vicenda, in forza ta' dik il-gustizzja ekwitattiva rivestita f'dan it-Tribunal, l-istess jemmen li t-talba attrici m'ghandhiex tigi akkolta fl-ammont mitlub. Kif gja' puntwalizzat, ic-cifra ta' €1,000.00c kienet tikkontempla depozitu akkont li l-finalità tieghu kienet lejn l-akkwist tal-vettura 'KIA Picanto' li ormai ma jidhirx aktar possibbli jew fattibbli. Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, ikun ferm ingust li xi hadd jigi re-integrat meta hu stess ghazel jirrecedi unilateralment minn kontrattazzjoni li kienet giet perfezzjonata, aktar u aktar meta d-diverbju ghal tali inadempiment hu bazat fuq cifra ta' €70.00c bhala spejjez accessorji kif fuq deskritt. Ugwalment, fl-opinjoni tat-Tribunal, huwa wkoll inekwu, salv stipulazzjoni espressa kuntrarja f'dan is-sens, illi xi hadd jarrikixxi l-patrimonju tieghu b'€1,000.00c minghajr ma jwettaq il-kontro-prestazzjoni pattwita. Fi kliem iehor, u galadarba huwa ormai stabbilit li dan il-bejgh mhux ser javvera ruhu, huwa ingust ghall-attur li jitlef kompletament id-depozitu ghal oggett li mhux ser jinghata lilu u huwa

---

17 *cfr*. **Luigi Viola**, "Inadempimento Delle Obbligazioni" (CEDAM editori, 2010; p. 124). Ara wkoll **Giorgio Bianchi**, "Il Contratto Di Vendita" (UTET Giuridica, 2009; p. 34).

18 Ghalkemm il-konvenut jeccepixxi u fil-kors tal-proceduri sostna li din il-grajja ssarrfitlu f'xi danni, dawn baqghu ma gewx pruvati u lanqas ma tressqet xi kontro-talba f'dan is-sens sabiex ikun hemm xi forma ta' kompensazzjoni.

ugwalemnt ingust ghall-konvenut li jzomm kompletament tali depozitu ghal oggett li mhux ser jitlaq il-patrimonju tieghu.

Ghalkemm fattwalment diversa, sitwazzjoni guridika simili ghal din diga' giet quddiem dan it-Tribunal kif presjedut hekk kif rifless fid-decizjoni *in re* **Impel Communications Co. Ltd v. Gerard Attard et** decizja fil-15 ta' Ottubru, 2018 (mhux appellata). Dan it-Tribunal ma jarax ghalfejn ghandu jiddiskosta ruhu mill-filosofija ta' hsieb fiha espressa u minn dik id-diskrezzjoni ekwitattiva hemmhekk ezercitata.

Ghalhekk, fid-diskrezzjoni ekwittativa ta' dan it-Tribunal u fuq bazi *arbitrio boni viri*, dan it-Tribunal jhoss illi l-attur ghandu jigi rifuz l-ammont ta' hames mitt ewro (€500.00c) mill-elf ewro (€1,000.00c) li kien hallas *qua* depozitu u li qed jitlob f'dawn il-proceduri. Kif jaraha dan it-Tribunal, ic-cifra ta' €500.00c ghandha sservi ta' rifuzjoni adegwata ghall-attur u t-telfien ta' €500.00c a favur tal-konvenut ghandha sservi bhala sanzoni xierqa fuq l-attur ghar-recess unilaterali tieghu mill-kontrattazzjoni. Inoltre, iz-zamma ta' €500.00c da parti tal-konvenut ghandha tirrispekkja kumpens adegwat ghal dawk l-ispejjez minnu inkorsi f'din il-grajja u ukoll tikkumpensah ghall-fatt li laqqghu ma' *dealers* ohra biex il-kwistjoni tigi rizolta.

Qabel l-gheluq ta' din is-sentenza, it-Tribunal jehtieg iwettaq rimarka brevi u dan fid-dawl ta' diversi punti li gew sollevati u sottomessi fit-trattazzjoni tal-ahhar ta' dan il-kaz.

Ma jkunx futili jigi mfakkar illi, "*Hu fil-poter diskrezzjonali tal-gudikant li jislet mill-istess provi dik il-prova li hu jqis l-aktar attendibbli u affidabbli ghall-formazzjoni tal-konvinciment u li jwarrab jew jiskarta dik il-prova li hu jqis inkompatibbli mar-*ratio decidendi *adottata*." (**Elizabeth Bugeja v. Anthony *sive* Tony Muscat** Appell Inferjuri, 27 ta' Gunju, 2007). Inoltre, kontendent fi proceduri gudizzjarji (kemm attur u kif ukoll konvenut) ma jistax jippretendi illi min ghandu jiggudika ghandu jaccetta bhala sagrosant l-assunzjonijiet kollha tieghu kontra l-konvinzjonijiet ta' min hu tenut jiggudika (*vide* **Antoine Vassallo v. Paul Portelli**, Appell Inferjuri, 27 ta' Frar, 2008) ghax, kif maghruf, il-gudikant, f'sede civili, hu fakoltizzat bid-diskrezzjoni li japprezza l-elementi probatorji akkwiziti u li jispogola minnhom dawk il-fonti ta' provi li hu jidhirlu l-aktar idoneji biex isostni d-decizjoni tieghu (*vide* **Anthony Mifsud et v. Victor Calleja et,** Appell Inferjuri, 9 ta' Jannar, 2008). Anzi, jinsab sahansitra rikonoxxut illi anke jekk sabiex tasal ghar-*ratio decidendi* tas-sentenza, il-qorti ta' l-ewwel grad taghzel tistrieh kwazi ghal kollox fuq ir-rizultanzi istruttorji forniti minn parti wahda, u mhux fuq l-assjem tal-provi, dan ma jgibx ghal daqshekk illi s-sentenza hi radikalment hazina jew erroneja (ara f'dan is-sens **Bonalco Aluminium Limited v. John Peresso**, Appell Inferjuri, 12 ta' Dicembru, 2007). Ir-raguni wara dan jista' jinsilet mill-kliem utilizzat mill-Qorti ta' Kassazzjoni Civili Taljana, fil-kaz ta' '*Zambelli c. Tarozzo*' tat-28 ta' Jannar, 1977, fejn hemm affermat hekk: "*L'obbligo della motivazione deve ritenersi assolto dal giudice del merito ogni qualvolta questi indichi gli elementi sui quali fonda il proprio convincimento, dovendo ritenersi disattesi, per implicito, quei diversi rilievi e quelle circostanze, che, sebbene non menzionati espressamente, siano logicamente incompatibili con la decisione addottata*." (*cfr*. "MASSIMARIO DELLA GIURISPRUDENZA ITALIANA" Anno XLVII 1977; UTET 1979, massima nru. §444 riportata f'pagna 107).[19]

[19] Inhasset il-htiega li t-Tribunal kemm hawnhekk u kemm f'partijiet ohra ta' din id-decizjoni jdur lejn id-duttrina legali u decizjonijiet esteri proprju ghaliex fin-nuqqas ta' illuminazzjoni mill-legislazzjoni jew mill-

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet maghmula hawn fuq, jilqa' t-talba ta' l-attur limitatament ghall-ammont ta' hames mitt ewro (€500.00c), bl-imghax fuq dan l-ammont dekorribli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-hlas effettiv u finali.

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri minhabba n-natura tal-kaz, l-fatt li l-pretiza attrici ma gietx akkolta fl-ammont originarjament propost u b'applikazzjoni ta' l-Art. 10(1) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.* ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*

---

gurisprudenza lokali, wiehed jista' jdur fuq taghlim dottrinali esteru. Dan ghaliex "*hija prattika kostanti li l-Qrati taghna, meta jigu biex jinterpretaw ligijiet simili ghal ligijiet esteri, li huma jaghmlu referenza ghal u anke isegwu l-awturi eminent li jikkummentaw fuq dawk il-ligijiet esteri u l-Qrati esteri superjuri li japplikawhom*" (**Il-Prim'Ministru et v. Sister Luigi Dunkin noe**, Appell Superjuri, 3 ta' Gunju, 1981; mhux pubblikata). Ara wkoll f'dan is-sens **Dr. Alessandro Claudio Debono ne v. Dr. Alessandro Barone Chapelle ed** (Appell Superjuri, 22 ta' Jannar, 1890 riportata f'*Kollez.* Vol.XII(B), p.365) u **Nobile Luisa Strickland v. Il Marchese Felicissimo Apap** (Appell Superjuri, 14 ta' Frar, 1879 riportata f'*Kollez.* Vol.VIII(D), p.710). Agguntivament, fis-sentenza **Marquis James Cassar Desain v. James Louis Forbes, O.B. E. nomine** (Appell Superjuri, 7 ta' Jannar, 1935 riportata f'*Kollez.* Vol.XXIX(A)-I-43 a p.47) gie ritenut illi t-taghlim legislattiv u dottrinali ta' l-Italja u anke ta' Franza, "*are among the recognised sources of our own general Jurisprudence*". Tali osservazzjonijiet tal-qrati taghna jista' jkun sehhew minhabba fatt ferm interessanti li mat-trapass taz-zmien, forsi, qed jintesa. Il-*Codice Municipale di Malta,* komunement maghruf bhala l-*Code de Rohan,* promulgat fl-1784 mill-Gran Mastru de Rohan-Polduc, qatt ma gie legislittivament abbrogat bl-introduzzjoni ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, ossia l-Kodici Civili li illum jinsab katalogat fil-Kapitolu 16 tal-Legislazzjonijiet domestici (*vide* **Fortunata Azzopardi v. Capt. Salvatore Azzopardi**, Appell Civili, 11 ta' Gunju, 1875 Decisione N° 346 riportata f'*Kollez.* Vol. VII(B)421; **Gentiluomo Filippo Zammit v. Michelina Pisani Demajo**, Appell Civili, 7 ta' Mejju, 1875 Decisione N° 334 riportata f'*Kollez.* Vol. VII(B)401 u l-istudju intitolat "Maltese Legal History Under British Rule (18011836)" ta' l-**ONOR. IMHALLEF HUGH W. HARDING** [Malta, 1980; p. 2 *et seqq.*]), jikkontjeni disposizzjoni ferm singolari. L-Artikolu XXXVII tal-*Codice Municipale di Malta* [disposizzjoni li hi misjuba taht Libro Primo «DE' TRIBUNALI COMPETENTI, MAGISTRATI, ED ALTRI OFFICIALI, E DE' PUBLICI OFFICJ», Capo Ottavo (VIII) intitolat «DEL TRIBUNALE COLLEGIATO E DELLA SUA EREZIONE E COMPETENZA»] jghid li l-gudikant ma jistax "*servirsi di veruna potestà arbitraria, quante volte non sarà regolata da quello che si dispone dalle leggi municipali, ed in loro difetto dalle leggi comuni, e ne'casi controversi e dubbi dalle **opinioni abbracciate ne' Supremi e piú accreditati tribunali***." [enfazi mizjuda minn dan it-Tribunal]. L-ispirtu ta' l-Artikolu XXXVII jassomilja, xi ftit jew wisq, lill-Artikolu 12 fil-Kodici Civili Taljan (parti intitolata «DISPOSIZIONI SULLA LEGGE IN GENERALE», Art. 12, 2° comma), li jghid hekk: "*Se una controversia non può essere decisa con una precisa disposizione, si ha riguardo alle disposizioni che regolano casi simili o materie analoghe; se il caso rimane ancora dubbio, si decide secondo i princìpi generali dell'ordinamento giuridico dello Stato*.". F'dan is-sens wiehed hu mistieden jara **BIAGIO ANDÒ**, "The Mélange of Innovation & Tradition in Maltese Law: The Essence of the Maltese Mix?" 2012; Vol. 15, N° 3 disponibbli ukoll fuq il-*web*: http://www.saflii.org/za/journals/PER/2012/36.pdf).